MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1505/2010

**Michael Attard Ltd C 32362**

**vs**

**Jeffrey Attard (ID 428673 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Settembru 2010, fejn intalab li l- konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elfejn, tlett mija, tlieta u sebghin Euro u hamsa u disghin centezmu (€2,373.95c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2010, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, tlett mija, tlieta u sebghin Euro u hamsa u disghin centezmu (€2,373.95c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------